2025/581 28.3.2025

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/581**

**tas-27 ta' Marzu 2025**

**li jemenda l-Annessi II u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għaċ-ċiklossidim, għad-diklorprop-P, għall-flupiradifuron, għall-metilnonilketon, għaż-żjut tal-pjanti/għaż-żejt taċ-ċitronella, għas-sorbat tal-potassju u għall-fosfonat tal-potassju f'ċerti prodotti jew fuqhom**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1), il-punt (a), tiegħu,

Billi:

(1) Il-livelli massimi ta' residwi ("MRLs") għas-sustanzi attivi ċiklossidim, diklorprop-P, flupiradifuron u fosfonat tal-potassju ġew stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Ġie konkluż li ma kien meħtieġ l-ebda MRL għas-sustanzi attivi metilnonilketon u żjut tal-pjanti/żejt taċ-ċitronella. Għalhekk, dawn is-sustanzi attivi ġew inklużi fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament. Ma ġie stabbilit l-ebda MRL speċifiku għas-sustanza attiva sorbat tal-potassju. Għalhekk, għal din is-sustanza attiva japplika l-valur prestabbilit ta' 0,01 mg/kg stabbilit fl-Artikolu 18(1), il-punt (b), tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(2) Fir-rigward taċ-ċiklossidim, tressqet applikazzjoni li titlob modifika tal-MRLs eżistenti għall-frott taż-żerriegħa, għall-berquq/għall-ħawħ, għall-piżelli (bil-miżwed), għall-qamħirrum, għall-pitravi taz-zokkor u għall-ħalib (tan-nagħaġ), skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Fir-rigward tad-diklorprop-P, tressqet applikazzjoni bħal din għax-xgħir, għall-ħafur, għas-segala u għall-ħbub tal-qamħ. Fir-rigward tal-fosfonat tal-potassju, tressqet applikazzjoni bħal din għall-qaqoċċ, għall-ħass tal-ħaruf/għall-insalata tal-qamħirrum, għall-iskalora/għall-indivja tal-weraq wiesa', għall-ħabberxa u għal nebbieta u rimi oħra, għall-krexxuni tal-art, għall-aruka, għall-mustarda ħamra, għall-ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika), għall-"ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata", għall-burdlieq, għall-weraq tas-selq, għall-"ispinaċi u weraq simili", għall-krexxun, għaż-żerriegħa tal-peprin, għax-xgħir, għall-ħafur u għas-segala.

(3) F'konformità mal-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, dawk l-applikazzjonijiet kollha ġew evalwati mill-Istati Membri kkonċernati u r-rapporti ta' evalwazzjoni ntbagħtu lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni bagħtet l-applikazzjonijiet, ir-rapporti ta' evalwazzjoni, u d-dossiers ta' sostenn lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità").

(4) L-Awtorità vvalutat l-applikazzjonijiet u r-rapporti ta' evalwazzjoni, eżaminat b'mod partikolari r-riskji għall-konsumaturi u, fejn rilevanti, għall-annimali, u tat opinjonijiet motivati dwar l-MRLs proposti ([2]). Dawk l-opinjonijiet bagħtithom lill-applikanti, lill-Kummissjoni, u lill-Istati Membri, u ppubblikathom.

---

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj.

([2]) Ir-rapporti xjentifiċi tal-EFSA huma disponibbli online: http://www.efsa.europa.eu.
Modification of the existing maximum residue levels for cycloxydim in various crops. *EFSA Journal* 2024;22(9): e8996. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2024.8996.
Modification of the existing maximum residue levels for dichlorprop-P in cereal grains. *EFSA Journal* 2024;22(10): e9003. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2024.9003.
Modification of the existing maximum residue levels in various plant commodities resulting from the use of potassium phosphonates. *EFSA Journal* 2024;22(6):e8842. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2024.8842.

(5) Fir-rigward taċ-ċiklossidim fil-frott taż-żerriegħa, fil-berquq/fil-ħawħ, fil-piżelli (bil-miżwed), fil-qamħirrum, fil-pitravi taz-zokkor u fil-ħalib (tan-nagħaġ), l-Awtorità kkonkludiet li d-data kienet xierqa biex tinkiseb jew tiġi kkonfermata l-proposta tal-MRL għall-prodotti bażiċi li qed jiġu vvalutati. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li ġie ssodisfat ir-rekwiżit tad-data ta' konferma fir-rigward tal-provi addizzjonali tar-residwi fuq il-qamħirrum.

(6) Għalhekk, jixraq li jiġu stabbiliti l-MRLs għaċ-ċiklossidim għal dawk il-prodotti bażiċi fil-livelli rakkomandati mill-Awtorità u li titħassar in-nota f'qiegħ il-paġna tal-qamħirrum li tirreferi għall-provi mhux disponibbli tar-residwi.

(7) Fir-rigward tad-diklorprop-P fix-xgħir, fil-ħafur, fis-segala u fil-ħbub tal-qamħ, l-Awtorità kkonkludiet li d-data kienet xierqa biex tinkiseb il-proposta tal-MRL għall-prodotti bażiċi li qed jiġu vvalutati.

(8) Għalhekk, jixraq li l-MRL għad-diklorprop-P għal dawk il-prodotti bażiċi jiġi stabbilit fil-livelli rakkomandati mill-Awtorità.

(9) Fir-rigward tal-MRLs għall-fosfonat tal-potassju fil-qaqoċċ, fil-ħass tal-ħaruf/fl-insalata tal-qamħirrum, fl-iskalora/fl-indivja tal-weraq wiesa', fil-ħabberxa u f'nebbieta u rimi oħra, fil-krexxuni tal-art, fl-aruka, fil-mustarda ħamra, fil-ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika), fil-"ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata", fil-burdlieq, fil-weraq tas-selq, fl-"ispinaċi u weraq simili", fil-krexxun, fiż-żerriegħa tal-peprin, fix-xgħir, fil-ħafur u fis-segala, l-Awtorità kkonkludiet li d-data kienet biżżejjed biex jinkisbu l-proposti tal-MRL għall-prodotti bażiċi li qed jiġu vvalutati. Hija kkonkludiet li l-konsum fit-tul tar-residwi li jirriżultaw mill-użi proposti ġodda tal-fosfonati tal-potassju x'aktarx li ma jippreżentax riskju għas-saħħa tal-konsumaturi u li meta jitqies il-profil tossikoloġiku tas-sustanza attiva, mhijiex meħtieġa valutazzjoni tar-riskju dijetetiku fuq perjodu ta' żmien qasir. Għall-ħxejjex tal-weraq żgħir, fosthom l-ispeċijiet tal-brassika, ikkonkludiet li l-kunsiderazzjoni tal-maniġers tar-riskju hija meħtieġa biex dawn jiddeċiedu bejn l-istabbiliment ta' MRL ta' 200 mg/kg jew ta' MRL ta' 150 mg/kg, li t-tnejn li huma nstabu sikuri għall-konsumaturi.

(10) Minħabba l-perjodu iqsar tat-tkabbir tal-ħxejjex tal-weraq żgħir u l-fatt li l-aħħar applikazzjoni normalment ikollha l-akbar impatt fuq ir-residwu mistenni, jixraq li l-MRL jiġi stabbilit għal 200 mg/kg, l-istess livell kif stabbilit għall-prodotti l-oħra fil-grupp "ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata".

(11) Abbażi tar-rapport xjentifiku tal-Awtorità, u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti elenkati fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-modifiki proposti għall-MRLs għaċ-ċiklossidim, għad-diklorprop-P u għall-fosfonat tal-potassju għall-prodotti bażiċi kkonċernati huma aċċettabbli.

(12) Fir-rigward tal-flupiradifuron, fit-2 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni Codex Alimentarius adottat limiti massimi ġodda ta' residwi tal-Codex ("CXLs") għal din is-sustanza attiva ([3]).

(13) F'konformità mal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), fejn jeżistu standards internazzjonali jew fejn it-tlestija tagħhom tkun imminenti, dawn iridu jitqiesu fl-iżvilupp jew fl-adattament tal-liġi dwar l-ikel, ħlief fejn dawn l-istandards jew partijiet rilevanti minnhom ikunu mezz ineffettiv jew mhux adattat għat-twettiq tal-objettivi leġittimi tal-liġi dwar l-ikel tal-Unjoni, jew fejn ikun hemm ġustifikazzjoni xjentifika, jew fejn dawn jirriżultaw f'livell differenti ta' protezzjoni minn dak stabbilit bħala xieraq fl-Unjoni. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 13, il-punt (e), ta' dak ir-Regolament, l-Unjoni trid tippromwovi l-konsistenza bejn l-istandards tekniċi internazzjonali u l-liġi dwar l-ikel tal-Unjoni filwaqt li tiżgura li ma jitbaxxiex il-livell għoli ta' protezzjoni adottat fl-Unjoni.

([3]) Il-Programm Konġunt tal-FAO u tad-WHO dwar l-Istandards tal-Ikel tal-Kummissjoni Codex Alimentarius. Is-sitta u erbgħin sessjoni. Kwartieri ġenerali tal-FAO, Ruma, l-Italja. Mis-27 ta' Novembru sat-2 ta' Diċembru 2023. fao.org/fao-who-codexalimentarius/sh-proxy/en/?lnk=1&url=https%253A%252F%252Fworkspace.fao.org%252Fsites%252Fcodex%252FMeetings%252FCX-701-46%252F%25E2%2598%2585Final%252520Report%252FREP23_CACe.pdf.

([4]) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/178/oj).

(14) L-Awtorità vvalutat ir-riskji li joħolqu dawk is-CXLs għall-konsumaturi u ppubblikat rapport xjentifiku ([5]). L-Unjoni ppreżentat riżervi ([6]) ([7]) lill-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi fir-rigward tas-CXLs għal xi kombinamenti ta' pestiċidi/prodotti, li għalihom l-Awtorità kienet identifikat riskju potenzjali għas-saħħa tal-konsumaturi fir-rapport xjentifiku tagħha.

(15) Is-CXLs li għalihom l-Awtorità ma identifikatx riskji għall-konsumaturi fl-Unjoni, u li għalihom l-Unjoni għalhekk ma ppreżentatx riżerva lill-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi jew lill-Kummissjoni Codex Alimentarius, jistgħu jitqiesu sikuri. Dan huwa l-każ għas-CXLs għall-flupiradifuron fl-ananas u fiż-żerriegħa tal-ġirasol.

(16) Għalhekk, jenħtieġ li s-CXLs għall-flupiradifuron fl-ananas u fiż-żerriegħa tal-ġirasol jiġu inklużi fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, abbażi tar-rapport xjentifiku tal-Awtorità u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti elenkati fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(17) L-approvazzjoni tal-metilnonilketon skadiet fis-26 ta' Mejju 2017 ([8]). L-approvazzjoni tal-metilnonilketon ġiet irtirata minħabba n-nuqqas ta' sottomissjoni tad-data ta' konferma meħtieġa li ma kinitx relatata mar-residwi jew mal-esponiment mid-dieta. Madankollu, ma ġie identifikat l-ebda tħassib dwar is-saħħa tal-konsumaturi. Barra minn hekk, is-sustanza attiva hija preżenti b'mod naturali fl-oġġetti tal-ikel u hija sustanza aromatizzanti approvata li tista' tintuża fit-tipi kollha ta' ikel aromatizzat. Għalhekk jixraq li din is-sustanza attiva tinżamm fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 u titħassar in-nota f'qiegħ il-paġna li tirreferi għall-inklużjoni temporanja tagħha.

(18) L-approvazzjoni tas-sustanza attiva żjut tal-pjanti/żejt taċ-ċitronella skadiet fil-31 ta' Awwissu 2022 minħabba li ma tressqet l-ebda applikazzjoni għat-tiġdid tal-approvazzjoni tagħha. Meta jitqies li diversi komponenti taż-żejt taċ-ċitronella jistgħu jkunu preżenti b'mod naturali f'ċerti oġġetti tal-ikel, huwa meqjus ġustifikat li din is-sustanza attiva tinżamm fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 u titħassar in-nota f'qiegħ il-paġna li tirreferi għall-inklużjoni temporanja tagħha.

(19) Fid-9 ta' Ottubru 2015, saret applikazzjoni għall-approvazzjoni tas-sorbat tal-potassju bħala sustanza bażika, u fl-2017 ([9]) din ma ġietx approvata minħabba tħassib dwar ir-residwi fl-ikel. Bħalissa, japplika l-MRL prestabbilit ta' 0,01 mg/kg f'konformità mal-Artikolu 18(1), il-punt (b), tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Madankollu, is-sorbat tal-potassju huwa awtorizzat bħala addittiv tal-ikel. Fl-2019, l-Awtorità rrieżaminat is-sikurezza tas-sorbati, inkluż is-sorbat tal-potassju, li jintużaw bħala addittivi tal-ikel ([10]). L-Awtorità kkonkludiet li ma hemm l-ebda tħassib dwar is-saħħa relatat mal-esponiment tal-konsumaturi għas-sorbati abbażi ta' Doża Aċċettabbli ta' Kuljum ogħla.

(20) Għalhekk jixraq li s-sorbat tal-potassju jiġi inkluż fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(21) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat kif xieraq.

---

([5]) EFSA 2023. Appoġġ xjentifiku għat-tħejjija ta' pożizzjoni tal-UE għall-54 Sessjoni tal-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi (CCPR). *EFSA Journal*, 2023:21(8), 1–303. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2023.8111.

([6]) Kummenti tal-Unjoni Ewropea dwar il-Codex CX/PR 23/54/5-Add.1: https://www.fao.org/fao-who-codexalimentarius/sh-proxy/en/?lnk=1&url=https%253A%252F%252Fworkspace.fao.org%252Fsites%252Fcodex%252FMeetings%252FCX-718-54%252FWDs%252Fpr54_05_Add1x.pdf.

([7]) Rapport tal-54 sessjoni tal-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi REP23/PR54: https://www.fao.org/fao-who-codexalimentarius/sh-proxy/en/?lnk=1&url=https%253A%252F%252Fworkspace.fao.org%252Fsites%252Fcodex%252FMeetings%252FCX-718-54%252FREPORT%252FFINAL%252520REPORT%252520CORRIGENDUM%252FREP23_PR54e_CORR.pdf.

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/781 tal-5 ta' Mejju 2017 li jirtira l-approvazzjoni tas-sustanza attiva metilnonilketon, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 118, 6.5.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/781/oj).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2068 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar in-nonapprovazzjoni tas-sorbat tal-potassju bħala sustanza bażika skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 295, 14.11.2017, p. 49, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/2068/oj).

([10]) EFSA 2019. Opinion on the follow-up of the re-evaluation of sorbic acid (E200) and potassium sorbate (E202) as food additives. *EFSA Journal* 2019;17(3):5625. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2019.5625.

(22) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi II u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2025.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Annessi II u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness II, il-kolonni għaċ-ċiklossidim, għad-diklorprop-P, għall-flupiradifuron u għall-fosfonat tal-potassju huma sostitwiti b'dan li ġej:

“

*ANNESS II*

**Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi ta’ residwi (mg/kg)**

| Numru tal-kodiċi | Gruppi u eżempji ta’ prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs ([a]) | Iċ-ċiklossidim, inklużi l-prodotti tad-degradazzjoni u tar-reazzjoni tiegħu li jistgħu jiġu ddeterminati bħala l-aċidu 3-(3-tijanil)glutariku S-diossidu (BH 517-TGSO2) u/jew l-aċidu 3-idrossi-3-(3-tijanil)glutariku S-diossidu (BH 517-5-OH-TGSO2) jew derivattivi tiegħu, ikkalkulati b’kollox bħala ċiklossidim | Id-diklorprop (it-total ta’ diklorprop (inkluż id-diklorprop-P) u tal-imlieħi, tal-esteri u tal-konjugati tiegħu, espressi bħala diklorprop) (R) | Il-flupiradifuron | L-aċidu fosfoniku u l-imlieħi tiegħu espressi bħala aċidu fosfoniku (R) |
|---|---|---|---|---|---|
| 0100000 | **FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR** | | | | |
| 0110000 | **Frott taċ-ċitru** | 0,09 (*) | 0,3 | | 100 |
| 0110010 | Grejpfrut | | | 3 | (+) |
| 0110020 | Larinġ | | | 3 | (+) |
| 0110030 | Lumi | | | 1,5 | |
| 0110040 | Xkomp | | | 1,5 | |
| 0110050 | Mandolin | | | 1,5 | |
| 0110990 | Oħrajn (2) | | | 3 | |
| 0120000 | **Ġewż tas-siġar** | 0,09 (*) | 0,02 (*) | 0,02 | |
| 0120010 | Lewż | | | | 1 000 |
| 0120020 | Ġewż tal-Brażil | | | | 400 |
| 0120030 | Ġewż tal-anakardju | | | | 400 |
| 0120040 | Qastan | | | | 1 000 |
| 0120050 | Ġewż tal-Indi | | | | 400 |
| 0120060 | Ġellewż | | | | 1 000 |
| 0120070 | Macadamia | | | | 400 |
| 0120080 | Ġewż Amerikan | | | | 400 |
| 0120090 | Qlub tal-ġewż tal-arżnu | | | | 400 |
| 0120100 | Pistaċċi | | | | 1 000 |

| Numru tal-kodiċi | Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs ([a]) | Iċ-ċiklossidim, inklużi l-prodotti tad-degradazzjoni u tar-reazzjoni tiegħu li jistgħu jiġu ddeterminati bħala l-aċidu 3-(3-tijanil)glutariku S-diossidu (BH 517-TGSO2) u/jew l-aċidu 3-idrossi-3-(3-tijanil)glutariku S-diossidu (BH 517-5-OH-TGSO2) jew derivattivi tiegħu, ikkalkulati b'kollox bħala ċiklossidim | Id-diklorprop (it-total ta' diklorprop (inkluż id-diklorprop-P) u tal-imlieħ, tal-esteri u tal-konjugati tiegħu, espressi bħala diklorprop) (R) | Il-flupiradifuron | L-aċidu fosfoniku u l-imlieħ tiegħu espressi bħala aċidu fosfoniku (R) |
|---|---|---|---|---|---|
| 0120110 | Ġewż | | | | 1 000 |
| 0120990 | Oħrajn (2) | | | | 400 |
| 0130000 | **Pomu** | **0,4** | 0,02 (*) | 0,6 | 70 |
| 0130010 | Tuffieħ | | | | (+) |
| 0130020 | Lanġas | | | | (+) |
| 0130030 | Sfarġel | | | | |
| 0130040 | Naspli | | | | |
| 0130050 | Naspli tal-Ġappun | | | | |
| 0130990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0140000 | **Frott tal-għadma** | 0,09 (*) | 0,02 (*) | | |
| 0140010 | Berquq | | | 1 | 60 |
| 0140020 | Ċiras (ħelu) | | | 2 | 8 |
| 0140030 | Ħawħ | | | 1,5 | 60 |
| 0140040 | Għanbaqar | | | 0,4 | 8 |
| 0140990 | Oħrajn (2) | | | 1,5 | 8 |
| 0150000 | **Kukku u frott żgħir ieħor** | | 0,02 (*) | | |
| 0151000 | (a) **għeneb** | 0,3 | | 3 | |
| 0151010 | Għeneb tal-mejda | | | | 100 |
| 0151020 | Għeneb għall-inbid | | | | 150 |
| 0152000 | (b) **frawli** | 4 | | 0,4 | 70 |
| 0153000 | (c) **frott tal-kannamiela** | 0,09 (*) | | 6 | |

| Numru tal-kodiċi | Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a] | Iċ-ċiklossidim, inklużi l-prodotti tad-degradazzjoni u tar-reazzjoni tiegħu li jistgħu jiġu ddeterminati bħala l-aċidu 3-(3-tijanil)glutariku S-diossidu (BH 517-TGSO2) u/jew l-aċidu 3-idrossi-3-(3-tijanil)glutariku S-diossidu (BH 517-5-OH-TGSO2) jew derivattivi tiegħu, ikkalkulati b'kollox bħala ċiklossidim | Id-diklorprop (it-total ta' diklorprop (inkluż id-diklorprop-P) u tal-imluħ, tal-esteri u tal-konjugati tiegħu, espressi bħala diklorprop) (R) | Il-flupiradifuron | L-aċidu fosfoniku u l-imluħ tiegħu espressi bħala aċidu fosfoniku (R) |
|---|---|---|---|---|---|
| 0153010 | Tut | | | | 200 |
| 0153020 | Tut salvaġġ | | | | 80 |
| 0153030 | Lampun (aħmar u isfar) | | | | 200 |
| 0153990 | Oħrajn (2) | | | | 80 |
| 0154000 | (d) **frott żgħir u kukku oħrajn** | 0,09 (*) | | | |
| 0154010 | Mirtill | | | 4 | 150 |
| 0154020 | Cranberries | | | 0,7 | 1,5 (*) |
| 0154030 | Ribes (ħamra, sewda u bajda) | | | 0,7 | 150 |
| 0154040 | Ribes bix-xewk (ħodor, ħomor u sofor) | | | 0,7 | 150 |
| 0154050 | Warda skoċċiża | | | 0,7 | 1,5 (*) |
| 0154060 | Ċawsli (iswed u abjad) | | | 0,7 | 1,5 (*) |
| 0154070 | Għanżalor/naspli tal-Mediterran | | | 0,7 | 50 |
| 0154080 | Frott tas-sebuqa | | | 0,7 | 60 |
| 0154990 | Oħrajn (2) | | | 0,7 | 1,5 (*) |
| 0160000 | **Frott ta' diversi tipi bl-affarijiet li ġejjin:** | 0,09 (*) | 0,02 (*) | | |
| 0161000 | (a) **b'qoxra li tittiekel** | | | | |
| 0161010 | Tamal | | | 0,01 (*) | 1,5 (*)(+) |
| 0161020 | Tin | | | 0,01 (*) | 1,5 (*)(+) |
| 0161030 | Żebbuġ tal-mejda | | | 5 | 80 |
| 0161040 | Laringġ tal-qsari | | | 0,01 (*) | 3(+) |
| 0161050 | Karambola | | | 0,01 (*) | 1,5 (*)(+) |

| Numru tal-kodiċi | Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs ([a]) | Iċ-ċiklossidim, inklużi l-prodotti tad-degradazzjoni u tar-reazzjoni tiegħu li jistgħu jiġu ddeterminati bħala l-aċidu 3-(3-tijanil)glutariku S-diossidu (BH 517-TGSO2) u/jew l-aċidu 3-idrossi-3-(3-tijanil)glutariku S-diossidu (BH 517-5-OH-TGSO2) jew derivattivi tiegħu, ikkalkulati b'kollox bħala ċiklossidim | Id-diklorprop (it-total ta' diklorprop (inkluż id-diklorprop-P) u tal-imlieħi, tal-esteri u tal-konjugati tiegħu, espressi bħala diklorprop) (R) | Il-flupiradifuron | L-aċidu fosfoniku u l-imlieħi tiegħu espressi bħala aċidu fosfoniku (R) |
|---|---|---|---|---|---|
| 0161060 | Kaki | | | 0,01 (*) | 50 |
| 0161070 | Għanbaqar ta' Ġava | | | 0,01 (*) | 1,5 (*)(+) |
| 0161990 | Oħrajn (2) | | | 0,01 (*) | 1,5 (*) |
| 0162000 | (b) **b'qoxra li ma tittikilx, u żgħir** | | | 0,01 (*) | |
| 0162010 | Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar, isfar) | | | | 150 |
| 0162020 | Liċċi | | | | 1,5 (*)(+) |
| 0162030 | Frott tal-passjoni | | | | 20(+) |
| 0162040 | Bajtar tax-xewk | | | | 1,5 (*)(+) |
| 0162050 | Tuffieħ stilla | | | | 1,5 (*)(+) |
| 0162060 | Frott tal-kaki tal-Virġinja | | | | 1,5 (*)(+) |
| 0162990 | Oħrajn (2) | | | | 1,5 (*) |
| 0163000 | (c) **b'qoxra li ma tittikilx, u kbir** | | | | |
| 0163010 | Avokado | | | 0,6 | 50 |
| 0163020 | Banana | | | 0,01 (*) | 1,5 (*) |
| 0163030 | Mango | | | 0,7 | 1,5 (*) |
| 0163040 | Papaja | | | 0,4 | 3(+) |
| 0163050 | Rummien | | | 0,01 (*) | 70 |
| 0163060 | Ċerimoja | | | 0,01 (*) | 1,5 (*)(+) |
| 0163070 | Gwava | | | 0,01 (*) | 1,5 (*)(+) |
| 0163080 | Ananas | | | **0,3** | 20(+) |
| 0163090 | Frotta tas-siġra tal-ħobż | | | 0,01 (*) | 1,5 (*)(+) |

| Numru tal-kodiċi | Gruppi u eżempji ta’ prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs ([a]) | Iċ-ċiklossidim, inklużi l-prodotti tad-degradazzjoni u tar-reazzjoni tiegħu li jistgħu jiġu ddeterminati bħala l-aċidu 3-(3-tijanil)glutariku S-diossidu (BH 517-TGSO2) u/jew l-aċidu 3-idrossi-3-(3-tijanil)glutariku S-diossidu (BH 517-5-OH-TGSO2) jew derivattivi tiegħu, ikkalkulati b'kollox bħala ċiklossidim | Id-diklorprop (it-total ta’ diklorprop (inkluż id-diklorprop-P) u tal-imluħ, tal-esteri u tal-konjugati tiegħu, espressi bħala diklorprop) (R) | Il-flupiradifuron | L-aċidu fosfoniku u l-imluħ tiegħu espressi bħala aċidu fosfoniku (R) |
|---|---|---|---|---|---|
| 0163100 | Durian | | | 0,01 (*) | 1,5 (*)(+) |
| 0163110 | Il-frotta tal-annona | | | 0,01 (*) | 1,5 (*)(+) |
| 0163990 | Oħrajn (2) | | | 0,01 (*) | 1,5 (*) |
| 0200000 | **ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT** | | | | |
| 0210000 | **Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi** | | 0,02 (*) | | |
| 0211000 | (a) **patata** | 4 | | 0,05 | 150(+) |
| 0212000 | (b) **ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi** | | | 0,05 | 1,5 (*) |
| 0212010 | Għeruq tal-kassava | 0,09 (*) | | | (+) |
| 0212020 | Patata ħelwa | 0,6 | | | |
| 0212030 | Jammijiet | 0,09 (*) | | | (+) |
| 0212040 | Ararut | 0,09 (*) | | | (+) |
| 0212990 | Oħrajn (2) | 0,09 (*) | | | |
| 0213000 | (c) **ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi ħelwa** | | | 0,9 | |
| 0213010 | Pitravi | 3 | | | 1,5 (*) |
| 0213020 | Zunnarija | 5 | | | 1,5 (*) |
| 0213030 | Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi | 3 | | | 6 |
| 0213040 | Għeruq tal-mustarda | 3 | | | 150 |
| 0213050 | Artiċokks | 0,9 | | | 1,5 (*)(+) |
| 0213060 | Zunnarija bajda | 3 | | | 6(+) |
| 0213070 | Tursin ta’ Hamburg | 1 | | | 4(+) |

| Numru tal-kodiċi | Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs ([a]) | Iċ-ċiklossidim, inklużi l-prodotti tad-degradazzjoni u tar-reazzjoni tiegħu li jistgħu jiġu ddeterminati bħala l-aċidu 3-(3-tijanil)glutariku S-diossidu (BH 517-TGSO2) u/jew l-aċidu 3-idrossi-3-(3-tijanil)glutariku S-diossidu (BH 517-5-OH-TGSO2) jew derivattivi tiegħu, ikkalkulati b'kollox bħala ċiklossidim | Id-diklorprop (it-total ta' diklorprop (inkluż id-diklorprop-P) u tal-imluħ, tal-esteri u tal-konjugati tiegħu, espressi bħala diklorprop) (R) | Il-flupiradifuron | L-aċidu fosfoniku u l-imluħ tiegħu espressi bħala aċidu fosfoniku (R) |
|---|---|---|---|---|---|
| 0213080 | Ravanell | 3 | | | 40 |
| 0213090 | Leħjet il-bodbod | 3 | | | 1,5 (*)(+) |
| 0213100 | Swedes | 1 | | | 1,5 (*)(+) |
| 0213110 | Lift | 3 | | | 1,5 (*)(+) |
| 0213990 | Oħrajn (2) | 0,9 | | | 1,5 (*) |
| 0220000 | **Ħxejjex tal-basla** | | 0,02 (*) | 0,01 (*) | |
| 0220010 | Tewm | 1,5 | | | 20 |
| 0220020 | Basal | 3 | | | 40 |
| 0220030 | Xalotti | 1,5 | | | 20 |
| 0220040 | Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales | 0,3(+) | | | 10 |
| 0220990 | Oħrajn (2) | 0,3 | | | 10 |
| 0230000 | **Ħxejjex tal-frott** | | 0,02 (*) | | |
| 0231000 | (a) **Ħxejjex tal-frott tal-familja tas-*Solanaceae* u tal-familja tal-*Malvaceae*** | | | | |
| 0231010 | Tadam | 1,5 | | 0,7 | 70 |
| 0231020 | Bżar ħelu | 9 | | 0,9 | 70 |
| 0231030 | Brunġiel | 1,5 | | 1 | 70 |
| 0231040 | Bamja | 0,09 (*) | | 0,9 | 1,5 (*)(+) |
| 0231990 | Oħrajn (2) | 0,09 (*) | | 0,01 (*) | 70 |
| 0232000 | (b) **kukurbiti b'qoxra li tittiekel** | 0,09 (*) | | 0,6 | 80 |
| 0232010 | Ħjar | | | | |
| 0232020 | Ħjar tal-pikles | | | | |

| Numru tal-kodiċi | Gruppi u eżempji ta’ prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs ([a]) | Iċ-ċiklossidim, inklużi l-prodotti tad-degradazzjoni u tar-reazzjoni tiegħu li jistgħu jiġu ddeterminati bħala l-aċidu 3-(3-tijanil)glutariku S-diossidu (BH 517-TGSO2) u/jew l-aċidu 3-idrossi-3-(3-tijanil)glutariku S-diossidu (BH 517-5-OH-TGSO2) jew derivattivi tiegħu, ikkalkulati b’kollox bħala ċiklossidim | Id-diklorprop (it-total ta’ diklorprop (inkluż id-diklorprop-P) u tal-imlieħi, tal-esteri u tal-konjugati tiegħu, espressi bħala diklorprop) (R) | Il-flupiradifuron | L-aċidu fosfoniku u l-imlieħi tiegħu espressi bħala aċidu fosfoniku (R) |
|---|---|---|---|---|---|
| 0232030 | Zukkini | | | | |
| 0232990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0233000 | (c) **kukurbiti b’qoxra li ma tittikilx** | 0,09 (*) | | | 60(+) |
| 0233010 | Bettieħ | | | 0,01 (*) | (+) |
| 0233020 | Qara’ aħmar | | | 0,01 (*) | (+) |
| 0233030 | Dulliegħ | | | 0,15 | (+) |
| 0233990 | Oħrajn (2) | | | 0,01 (*) | (+) |
| 0234000 | (d) **qamħirrum ħelu** | 0,09 (*) | | 0,05 | 1,5 (*) |
| 0239000 | (e) **ħxejjex tal-frott oħrajn** | 0,09 (*) | | 0,01 (*) | 1,5 (*) |
| 0240000 | **Ħxejjex tal-Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)** | | 0,02 (*) | | |
| 0241000 | (a) **Brassika li tagħmel il-fjuri** | 9 | | 0,6 | 50 |
| 0241010 | Brokkli | | | | |
| 0241020 | Pastard | | | | |
| 0241990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0242000 | (b) **kaboċċi kkapoċċati** | 9 | | | 2 |
| 0242010 | Kaboċċi ta’ Brussell/kaboċċi taz-zokk | | | 0,09 | |
| 0242020 | Kaboċċa kkapoċċati | | | 0,3 | |
| 0242990 | Oħrajn (2) | | | 0,01 (*) | |
| 0243000 | (c) **brassika bil-weraq** | 3 | | 4 | 20 |
| 0243010 | Kaboċċi Ċiniżi | | | | |

| Numru tal-kodiċi | Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a] | Iċ-ċiklossidim, inklużi l-prodotti tad-degradazzjoni u tar-reazzjoni tiegħu li jistgħu jiġu ddeterminati bħala l-aċidu 3-(3-tijanil)glutariku S-diossidu (BH 517-TGSO2) u/jew l-aċidu 3-idrossi-3-(3-tijanil)glutariku S-diossidu (BH 517-5-OH-TGSO2) jew derivattivi tiegħu, ikkalkulati b'kollox bħala ċiklossidim | Id-diklorprop (it-total ta' diklorprop (inkluż id-diklorprop-P) u tal-imlieħ, tal-esteri u tal-konjugati tiegħu, espressi bħala diklorprop) (R) | Il-flupiradifuron | L-aċidu fosfoniku u l-imlieħ tiegħu espressi bħala aċidu fosfoniku (R) |
|---|---|---|---|---|---|
| 0243020 | Kaboċċi ("kales") | | | | |
| 0243990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0244000 | (d) **ġdur** | 9 | | 0,09 | 5 |
| 0250000 | **Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu** | | | | |
| 0251000 | (a) **ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata** | | 0,02 (*) | | **200** |
| 0251010 | Ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ | 2(+) | | 6 | |
| 0251020 | Ħass | 1,5 | | 6 | |
| 0251030 | Skalora/indivja bil-weraq wesgħin | 1(+) | | 0,07 | |
| 0251040 | Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn | 1(+) | | 6 | |
| 0251050 | Krexxuni tal-art | 1(+) | | 6 | |
| 0251060 | Aruka | 3 | | 6 | |
| 0251070 | Mustarda ħamra | 3 | | 6 | |
| 0251080 | Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika) | 3 | | 6 | |
| 0251990 | Oħrajn (2) | 1 | | 6 | |
| 0252000 | (b) **spinaċi u weraq simili** | 2 | 0,02 (*) | 6 | **200** |
| 0252010 | Spinaċi | | | | |
| 0252020 | Burdlieq | | | | |
| 0252030 | Weraq tas-selq | | | | |
| 0252990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0253000 | (c) **weraq tad-dwieli u speċijiet simili** | 0,09 (*) | 0,02 (*) | 0,03(+) | 1,5 (*)(+) |
| 0254000 | (d) **krexxuni** | 0,09 (*) | 0,02 (*) | 0,07 | **90**(+) |

| Numru tal-kodiċi | Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs ([a]) | Iċ-ċiklossidim, inklużi l-prodotti tad-degradazzjoni u tar-reazzjoni tiegħu li jistgħu jiġu ddeterminati bħala l-aċidu 3-(3-tijanil)glutariku S-diossidu (BH 517-TGSO2) u/jew l-aċidu 3-idrossi-3-(3-tijanil)glutariku S-diossidu (BH 517-5-OH-TGSO2) jew derivattivi tiegħu, ikkalkulati b'kollox bħala ċiklossidim | Id-diklorprop (it-total ta' diklorprop (inkluż id-diklorprop-P) u tal-imlieħi, tal-esteri u tal-konjugati tiegħu, espressi bħala diklorprop) (R) | Il-flupiradifuron | L-aċidu fosfoniku u l-imlieħi tiegħu espressi bħala aċidu fosfoniku (R) |
|---|---|---|---|---|---|
| 0255000 | (e) **ċikwejra** | 0,09 (*) | 0,02 (*) | 0,07 | 150 |
| 0256000 | (f) **ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu** | | 0,05 (*) | 40 | 300 |
| 0256010 | Maxxita | 2 | | | |
| 0256020 | Kurrat selvaġġ | 0,8 | | | |
| 0256030 | Weraq tal-karfus | 2 | | | |
| 0256040 | Tursin | 2 | | | |
| 0256050 | Salvja | 2 | | | |
| 0256060 | Klin | 2 | | | |
| 0256070 | Timu | 2 | | | |
